20 ta' April, 1945.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L. A. aCmilleri, LL.D.

**Joseph M. Pace et.** *versus* **Frederick Charles Ferguson ne.**

**Impjegati — "Manager" — Pensjoni — Konswetudini — Kumpannija tal-Gas.**

*Il-kelma "Manager" ma tistax fiha nfisha tfisser ħaġ'oħra ħlief amministratur, sija pure li dik l-amministrazzjoni tkun ġenerali għall-andament ta' l-affarijiet tal-kumpannija li huwa jkun qiegħed jiddiriġi; għalhekk għalkemm il-Manager ġeneralment jiġi istitwit għall-eżekuzzjoni ġenerali u d-direzzjoni ġenerali tax-xogħol tal-kumpannija, huwa ma għandux id-dritt li jwiegħed pensjoni lill-impjegati b'mod li jobliga ġuridikament lill-kumpan-*

*nija li taghti pensjoni, ammenokkè ma jiġix provat li fl-attribuzzjonijiet tiegħu huwa għandu wkoll dik li jwiegħed il-pensjoni.*

*Biex id-dritt ta' l-impjegat għall-pensjoni kontra Kumpannija li magħha huwa impjegat jista' jobroġ mill-konswetudini, hemm bżonn illi l-konswetudini tkun univoka fl-applikazzjoni tal-fattijiet.*

*Fil-każ ġie ritenut li l-Kumpannija tal-Gas ma hix obligata taghti pensjoni lill-impjegati tagħha, u li l-għoti ta' din il-pensjoni jew ta' xi "allowance" jiddependi mid-deċiżjoni tal-Board of Directors, u li l-Manager ta' dik il-Kumpannija ma għandux poteri li jobliga ġuridikament lill-Kumpannija għall-ħlas ta' pensjoni lill-impjegati.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re, li biha l-atturi, wara li qalu li huma ġew impjegati minn Arthur E. Buckley, General Manager u Engineer ta' l-imsemmija Kumpannija, l-ewwel wieħed fl-1 ta' April 1918, u t-tieni fis-16 ta' Marzu 1921, bħala skrivani ta' l-istess Kumpannija, bil-kondizzjoni li l-impjeg tagħhom kellu jkun permanenti, u li wara li jispiċċa l-impjeg tagħhom ikollhom pensjoni; u peress li fl-ewwel ta' Ottubru 1943 il-konvenut informa lill-atturi li a kawża ta' riduzzjoni f'li "staff" ma kellux bżonn iżjed is-servizzi tagħhom u rrilaxxjalhom iċ-ċertifikat (dok. A u B) unit maċ-ċitazzjoni; u peress illi l-istess pensjoni ġiet dejjem mogħtija fuq il-bażi ta' sessanteżima parti (1/60) tas-salarju ta' l-aħħar sena moltiplikat bin-numru ta' snin tas-servizz; talbu illi (1) jiġi dikjarat illi l-atturi huma utitolati għall-konsegwiment ta' pensjoni ta' £7. 9. 7 fix-xahar l-attur Pace, u £7. 11. 10 fix-xahar l-attur *Messina*, jew kwalunkwe somma verjuri li tkun stabbilita mill-Qorti; u (2) illi l-konvenut ikun kundannat li jħallas l-istess pensjoni mill-1 ta' Ottubru 1943. Bl-ispejjeż tal-ġudizzju; salvi d-drittijiet u azzjonijiet ta' l-atturi skond l-art. 1386 ta' l-Ord. ta' l-1868 u dispożizzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fl-20 ta' Lulju 1944, u li biha ġie dikjarat illi l-atturi għandhom dritt li jkollhom mill-Kumpannija konve-

nuta pensjoni li għandha tiġi regolata skond l-użu ta' l-istess Kumpannija, u li l-likwidazzjoni ta' dina l-pensjoni tista' ssir bonarjament, u kemm il-darba l-partijiet ma jaslux biex jillikwidawha bonarjament l-atturi jistgħu jitolbu r-riappuntament tal-kawża fuq talba verbali biex din il-likwidazzjoni ssir mill-Qorti; l-ispejjeż kontra l-konvenut; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi dina l-Qorti fil-kawża fuq imsemmija iddeċediet illi l-attur f'dika l-kawża kellu dritt għall-pensjoni wara illi rraġunat illi l-impjeg ta' l-attur kien regolat mil-liġi tal-kuntratti, peress illi l-impjeg tiegħu kien ġej minn kuntratt ta' lokazzjoni d'opera; illi l-Kumpannija tal-Gas qatt ma ċċaħdet pensjoni lill-impjegati tagħha meta jkunu ilhom tnejn u għoxrin sena u taw servizz tajjeb; u għaliex skond l-art. 699 ta' l-Ord. VII ta' l-1868 il-kuntratti għandhom jiġu eżegwiti "in buona fede" u jobligaw mhux biss għal dak li huwa espress, imma anki għall-konsegwenzi illi l-ekwità, l-użu u l-liġi jattribwixxu lill-obbligazzjoni skond in-natura tagħha; illi fil-każ ta' dik il-kawża l-attur ġie impjegat minn għand Mr. Starkey, illi allura kien "residential manager", mentri fil-każ ta' l-atturi f'dina l-kawża dawna ġew impjegati minn għand Mr. Buckley illi kien "general manager" u kellu "full powers"; fil-kawża l-oħra rriżulta illi Mr. Starkey kien qal lill-attur ta' dik il-kawża illi kemm ilha teżisti l-Kumpannija tal-Gas kull impjegat kien ħa pensjoni, u kif ħa ħadd ieħor kien jieħu huwa wkoll; fil-kawża preżenti però irriżulta illi dwar il-pensjoni kien hemm patt espress, u l-Manager Mr. Buckley, peress illi kien "general manager", kellu l-poter illi jagħmel ftehim simili;

Illi għalhekk fil-każ preżenti, minbarra l-użu tad-ditta, illi dejjem tat pensjoni lill-impjegati tagħha illi kellhom servizz għal ċertu żmien u taw servizz tajjeb, kien hemm ukoll kondizzjoni ta' dina l-pensjoni meta ġew impjegati;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut nomine u l-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata billi jkunu respinti t-talbiet l-atturi, bl-ispejjeż taż-żewġ

istanzi kontra tagħhom;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-22 ta' Jannar 1945, fejn ġiet respinta t-talba ta' l-appellant għar-rogatorji ta' Arthur Buckley bħala dritt tiegħu u ndipendentement mill-art. 233, sezzjoni 4, bl-ispejjeż ta' l-inċident kontra l-appellant, u ġie riżervat li tiddeċidi in forza ta' l-imsemmi art. 233, sezzjoni 4, jekk hemmx in-neċessità jew utilità li tordna dawk r-rogatorji wara li tkun semgħet it-trattazzjoni tal-kawża, bl-ispejjeż relativi riżervati;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-ewwel kwistjoni li għandha tiġi eżaminata hija dik jekk Arthur Buckley, li kien General Manager tal-Kumpannija konvenuta hawn Malta, setax jimpenja l-Kumpannija di fronti għall-atturi billi jagħti lil dawna l-jedd li jkollhom dritt għall-pensjoni, indipendentement mill-kwistjoni l-oħra subordinata jekk in realtà dik il-promessa ġietx magħmula. Għalhekk għandu jiġi eżaminat jekk kwalunkwe kliem li dak il-Manager seta' uża, in okkażjoni ta' kull wieħed mill-atturi, setax iġib obligazzjoni ġuridika fuq il-Kumpannija li tagħti pensjoni lill-atturi, jew inkella dak id-diskors ħalliex lill-atturi fil-pożizzjoni ta' kwalunkwe impjegat li kien jiġi impjegat mill-Kumpannija, u skond l-użu u r-regolamenti ta' l-istess Kumpannija;

L-atturi, biex juru illi Buckley kellu dik il-fakoltà, issottomettew illi huwa ma kienx sempliċement "Residential Manager", kif inhu l-konvenut Ferguson, li jiddependi minn General Manager li qiegħed barra minn Malta, iżda Buckley stess kien il-General Manager. Iżda l-kelma "Manager" ma tistax fiha nfisha tfisser ħaġa oħra ħlief l-amministratur tal-Kumpannija, sija pure li dik l-amministrazzjoni hija ġenerali għall-andament ta' l-affarijiet tal-Kumpannija, iżda għandu jiftiehem li dak l-impjeg kien istitwit, kif ġeneralment ikun magħmul, għall-eżekuzzjoni ġenerali u d-direzzjoni ġenerali tax-xogħol tal-Kumpannija. Iżda ma ġiex pruvat illi f'dik l-attribuzzjoni tal-General Manager dan kellu d-dritt li meta

jimpjega persuni jagħtihom dan id-dritt kontra l-Kumpannija li jkollhom pensjoni. Infatti jew dan kien ġej minn attribuzzjoni ordinarja tal-Kumpannija illi l-impjegat ikollu dritt għall-pensjoni, indipendentement mid-deċiżjoni tal-"Board of Directors", sempliċement għax ikunu impjegati, salvi s'intendi l-każijiet ta' impjegati diżonesti, jew kienet ħaġa speċjali li qiegħed jagħmel dak il-General Manager. Fl-ewwel ipotesi ma kienx hemm bżonn promessi ta' Buckley, iżda l-atturi kienu juru li skond ir-regolamenti u l-liġijiet li jiggvernaw il-Kumpannija huma għandhom id-dritt għall-pensjoni; fit-tieni ipotesi kien hemm bżonn essenzjalment li l-atturi juru li dak l-uffiċjal kellu dawk l-attribuzzjonijiet speċjali li jagħtu lill-impjegat dak id-dritt, li normalment kien ikun ġej minn awtorità oħra. Issa l-atturi ma wrewx bl-ebda mod illi l-General Manager kellu dak id-dritt hekk eċċezzjonali li jista' jipprometti lill-impjegati pensjoni, fis-sens illi l-Board of Directors ma jkollux id-dritt li jara jekk għandux jew le jagħti pensjoni lil dak l-impjegat;

Tikkunsidra;

Illi ġie għall-kuntrarju pruvat mid-dokumenti eżibiti illi wara li l-impjegat jagħmel mal-Kumpannija ċertu numru ta' snin f'dak l-impjeg, minħabba l-età jew minħabba mard, il-Manager lokali jirrakkomanda lis-Sedi Ċentrali dak l-impjegat biex lilu tkun maħruġa pensjoni, u allura l-"Board of Directors" jiddeċidi għandux jew le jagħti dik il-pensjoni lill-impjegat. Dan juri illi d-deċiżjoni fuq din l-materja tiġi meħuda mill-"Board of Directors", li jiddeċidu l-affarijiet tas-soċjetà f'affarijiet straordinarji, u speċjalment f'materja finanzjarja kif inhi l-materja tal-pensjonijiet. Veru huwa illi dawk ir-rakkomandazzjonijiet kważi dejjem ġew milqugħa mill-"Board", iżda dan ma jurix illi l-Manager kellu d-dritt jattribwixxi pensjoni, jew li l-impjegat kellu dritt għall-pensjoni "ut sic" mingħajr riferenza għall-Board, iżda juri b'mod l-aktar ċar u elokwenti illi l-organu li jagħti u jattribwixxi pensjoni lill-impjegat huwa preċiżament il-"Board of Directors";

Tikkunsidra;

Illi ma ġiex pruvat li hemm fil-Kumpannija xi regola-

menti jew xi "standing rules" li minnhom jista' joħroġ dak id-dritt ta' l-impjegat, kif inhu fil-każ tal-Gvern, illi hemm liġi speċjali li tittratta fuq il-pensjonijiet, u l-impjegat meta jirċievi n-nomina jkollu dikjarat li skond il-liġi l-post tiegħu huwa pensjonabili. F'dan il-każ ma ġiex pruvat li hemm dawk ir-regolamenti, iżda kull każ jiġi eżaminat mill-Board of Directors fil-meritu tiegħu, u dan jiddeċidi jagħtix pensjoni jew inkella "allowance" lil dak l-impjegat skond l-uffiċċju li kellu;

*Tikkunsidra;*

*Illi* lanqas jista' jingħad illi jista' joħroġ xi dritt mill-konswetudini, għax din, biex tinġenera obligazzjoni ġuridika, għandha tkun univoka fl-applikazzjoni tal-fattijiet. Issa, kif intqal iżjed 'il fuq, l-użu li ġie ppruvat mhux ta' ebda dritt da parti ta' l-impjegat, iżda sempliċement ta' rakkomandazzjoni lill-Board li jagħti pensjoni, u li dan, gwidat minn ċerti kriterji, bħallikieku n-numru tas-snin fix-xogħol li ma jkunx anqas minn ħamsa u għoxrin sena, barra minn każ ta' mard, u kriterji oħra, jiddeċidi li jagħti l-pensjoni. Diversament, kieku dak l-użu kien jattribwixxi xi dritt, tiġi l-konsegwenza illi l-Kumpannija ma tkunx tista' tilliċenzja lill-impjegat tagħha jekk mhux għal xi raġuni ġusta, mentri huwa indubitat illi impjegi simili, fejn ma hemmx stabbilit kuntratt għal ċertu numru ta' snin f'dak l-impjeg, isiru sakemm irid il-lokatur jibqa' jħaddem il-kondutur, u dan sakemm irid jibqa' jaħdem; infatti ma hemm ebda dubju, u lanqas jidher illi l-atturi jikkuntrastaw dan, illi waqt l-impjeg il-Kumpannija setgħet fi kwalunkwe żmien tibgħat lill-impjegat mill-impjeg, kif dan, jekk isib impjeg aħjar, seta' jitlaq minn dak l-impjeg. Issa, jekk il-lokatur ikun marbut bil-pensjoni li għandu jagħti, vwoldiri li impliċitament ikun marbut indeterminatament li ma jistax jibgħat lill-impjegat—ħaġa li hija inammissibili. Infatti l-Gvern stess, fejn, kif intqal iżjed 'il fuq, xi impjegi huma pensjonabili, jista fi kwalunkwe żmien jilliċenzja lill-impjegat, kif ġie stabbilit minn dina il-Qorti fil-kawża "*Prof.* Boselli vs. Onor. Roupell" deċiża fit-28 ta' *Frar* 1912 (Kollez. Vol. XXI-I-433), fejn ġie stabbilit, fuq sentenza oħra tal-Privy Council "Shenton vs. Smith", illi "servants of the Crown

hold their office during the pleasure of the Crown"; u dan non ostanti illi d-dritt tal-pensjoni lill-impjegat johrog mill-ligi, illi meta huwa gie *nominat* fl-*ittra tan-nomina jghidlu* illi l-impjeg tieghu huwa pensjonabili. Jekk huwa hekk, huwa difficli biex ikun spjegat kif *impjegati* tal-Kumpannija konvenuta jew impjegati minn enti simili jistghu jkollhom drittijiet akbar minn impjegati tal-Gvern, meta ma hemm ebda ligi li tirregola dik il-pensjoni;

Tikkunsidra;

Illi lanqas ma gie pruvat illi hemm xi fond specjali fil-Kumpannija u ghalih jikkontribwixxu l-impjegati per mezz ta' diffalk *mis-salarju* taghhom. Dan mhux vwoldiri illi anki kieku kien hemm dan il-fond kien johrog dan id-dritt, izda kien ikun hemm cirkustanza li tista' eventwalment tavvantaġġa lill-atturi. Fil-kaz irrizulta illi l-licenzjament ta' l-atturi sar minhabba riduzzjoni ta' li "staff" bhala konsegwenza ta' l-emerġenza tal-lum, u ghalhekk il-Kumpannija sabet ruhha fil-pozizzjoni minhabba d-disastri li sofrew hafna djar bil-bumbardament, li ghall-ewwel taghlaq temporaneament u mbaghad li terġa' tiftah bi "Staff" limitat. *Certament* hija haġa li ghandha tidhol fl-ezami tal-Board of Directors illi dan il-licenzjament kien koattiv da parti taghha, izda wkoll da parti ta' l-atturi huma *kienu* dejjem sa l-ahhar *impjegati* mill-ahjar, tant illi l-konvenut tahom "testimonials" eccellenti. In vista ta' dan il-*fatt* ta' koazzjoni f'dan il-licenzjament, tal-fatt illi huma kienu zewġ impjegati tajba u hadmu dejjem ghas-soddisfazzjoni tal-Kumpannija, tal-fatt, importanti hafna, illi l-attur Pace ghamel izjed minn 25 sena ta' servizz u l-attur Messina ghamel 22 sena, u probabilment kienu jaghmlu izjed kieku ma *kienetx din* l-emerġenza, ghalhekk il-Board ghandu juza maghhom dik l-ekwità li tisthoqqilhom, ghalkemm ma ghandhomx ebda dritt u ghalhekk il-Kumpannija mhux qieghda fl-ebda obligazzjoni ġuridika li taghtihom pensjoni. U ghalhekk, jekk huma ma waslux biex jippruvaw dak id-*dritt*, u l-*Kumpannija* ġuridikament mhix obligata, mhux vwoldiri illi l-Kumpannija ma ghandhiex tezamina l-kaz taghhom u tittrattahom bl-ekwità kollha anki fil-materja

ta' konċessjoni ta' pensjoni jew ta' "allowance" skond id-deċiżjoni tal-"*Board of Directors*";

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa 'l-appell tal-konvenut nomine u għalhekk tirrespinġi t-talbiet ta' l-atturi; u in vista tan-novità ta' dan il-każ u taċ-ċirkustanzi kollha tordna illi l-ispejjeż bejn il-partijiet, inklużi dawk *riżervati bid-deċiżjoni* tat-22 ta' Jannar 1945, ma jkunux taxxati, iżda d-dritt tar-reġistru għaż-żewġ istanzi jitħallas mill-atturi. U f'dan is-sens tirriforma s-sentenza li minnha hemm appell.